MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL
ID-DIRETTORAT GĦALL-PROGRAMMI TA' TAGĦLIM U ASSESSJAR

**ĊIRKULARI**

**Data:** 6 ta' Ottubru 2020 **Ref:** DLAP 208/2020

**Lill-:** Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi u Kapijiet tal-Iskejjel Primarji, Medji u Sekondarji tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti

**Mingħand:** L-Uffiċjali Edukattivi, Malti

**Suġġett:** Tifkira ta' Jum Dun Karm – 18 ta' Ottubru 2020

---

Minħabba l-pandemija tal-COVID-19, id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar ma jistax jorganizza l-attività tas-soltu ġewwa l-Imdina biex jitfakkar il-Poeta Nazzjonali.

Għalhekk ikun xieraq li nhar **it-Tnejn, 19 t'Ottubru 2020,** peress li t-18 t'Ottubru se jaħbat il-Ħadd, fil-lezzjonijiet tal-Malti, l-għalliema jfakkru lill-Poeta Nazzjonali billi tinqara l-bijografija tiegħu (ara *Hemża A* maċ-ċirkulari) u xi poeżiji (jistgħu jintgħażlu minn *Hemża B*).

Fis-sit tal-Malti http://malti.skola.edu.mt hemm taqsima sħiħa fuq Dun Karm. Fiha hemm preżentazzjoni bil-Powerpoint b'ritratti minn ħajtu. Din tista' tintuża wkoll fil-klassijiet. Hemm ukoll l-*Innu ta' Filgħodu* (*Reġa' sebaħ ja Mulejja ...*) ta' Dun Karm, b'mużika tas-Surmast Ġużeppi Caruana, għal min irid jużah biex ifakkar dan il-jum.

Grazzi tal-kooperazzjoni.

**Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**

Kamra 309/310, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana VLT 2000 | t: + 356 2598 2425/6/7 | e: dlap@gov.mt / gaetano.bugeja@ilearn.edu.mt | w: www.education.gov.mt